MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 892/2012

Charlie **PAĊE** u Mosta Auto Dealer Co. Limited (C – 3923)

vs

**KUNSILL LOKALI TAL-MOSTA** u Vassallo Builders Limited (C – 20882)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Settembru, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (i) tordna t-tneħħija minnufih tal-bażi ta' monument, pilastru u "*scaffolding*" li tqiegħdu quddiem il-vetrina tax-"*showroom*" bl-isem ta' Mosta Auto Dealer fil-kantuniera

bejn Triq Nicolo' Isouard u Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, bil-ħsieb li hemmhekk jitwaqqaf monument; u (ii) issib li l-imħarrkin imisshom iħallsu d-danni mġarrba mill-atturi minħabba t-titligħ tal-imsemmija bażi, pilastru u *scaffolding* għal kull jum li tħallew f'dak l-imkien. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2012, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Kunsill Lokali mħarrek fl-14 ta' Jannar, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għall-azzjoni attriċi, b'mod preliminari, eċċepixxa li (i) l-azzjoni attriċi safejn tressqet kontra tiegħu ma tiswiex għaliex tressqet bla ma qabel saret talba b'att ġudizzjarju kif irid l-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, (ii) l-azzjoni kif imressqa mill-atturi ma hix legalment sostenibbli għaliex jekk tassew riedu jattakkaw id-deċiżjoni tiegħu li jwaqqaf il-monument f'dak il-post, messhom fetħu kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-istess Kodiċi; (iii) l-atturi jmisshom isemmu bis-saħħa ta' liema artikolu tal-liġi kienu fetħu din il-kawża; (iv) jonqos fl-atturi l-interess ġuridiku billi l-monument li jridu t-tneħħija tiegħu ma twaqqafx fi ħwejjiġhom u lanqas f'imkien li għandhom il-pussess tiegħu jew dritt ieħor fuqu; u (v) t-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu minħabba li (a) ma hemm l-ebda premessa li twassal biex tista' tintlaqa' l-ewwel talba u (b) li t-tieni talba ma ssegwix talba għal sejbien ta' responsabbilta'. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fl-4 ta' Frar, 2013, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni ma tiswiex minħabba l-irritwalita' tat-talbiet. Qalet ukoll li jmissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża billi hija kienet biss il-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill Lokali mħarrek u x-xogħol li kien qiegħed isir sar fuq talba tal-istess Kunsill u għalhekk m'għandhiex tirrispondi għall-ilmenti tal-atturi;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2013, li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjonijiet preliminari tal-Kunsill imħarrek;

Rat in-Nota mressqa mill-Kunsill imħarrek fid-9 ta' Mejju, 2013[1], bid-dokumenti mehmużin magħha għall-finijiet tal-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2013, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni wara ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u għad-danni. L-atturi jilmintaw mill-fatt li l-Kunsill Lokali jrid itella' monument fuq bankina quddiem vetrina ta' *showroom* tal-karozzi mmexxi minnhom. Minħabba li kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex jitwaqqaf ix-xogħol li kien qiegħed isir, fetħu din il-kawża biex jitneħħa kulma sar s'issa u biex l-imħarrkin iħallsu d-danni għat-telf li ġġarrbu sakemm il-vetrina baqgħet mgħottija bl-armar u l-pedestall li laħaq tqiegħed;

Illi għal din l-azzjoni, il-Kunsill imħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, qal li (i) l-azzjoni attriċi safejn tressqet kontra tiegħu ma tiswiex għaliex tressqet bla ma qabel saret talba b'att ġudizzjarju kif irid l-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, (ii) l-azzjoni kif imressqa mill-atturi ma hix legalment sostenibbli għaliex jekk tassew riedu jattakkaw id-deċiżjoni tiegħu li jwaqqaf il-monument f'dak il-post, messhom fetħu kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-istess Kodiċi; (iii) l-atturi jmisshom

[1] Paġġ. 62 sa 81 tal-proċess

isemmu bis-saħħa ta' liema artikolu tal-liġi kienu fetħu din il-kawża; (iv) jonqos fl-atturi l-interess ġuridiku billi l-monument li jridu t-tneħħija tiegħu ma twaqqafx fi ħwejjiġhom u lanqas f'imkien li għandhom il-pussess tiegħu jew dritt ieħor fuqu; u (v) t-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu minħabba li (a) ma hemm l-ebda premessa li twassal biex tista' tintlaqa' l-ewwel talba u (b) li t-tieni talba ma ssegwix talba għal sejbien ta' responsabbilta'. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi, min-naħa tagħha, l-kumpannija mħarrka laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni ma tiswiex minħabba l-irritwalita' tat-talbiet. Qalet li jmissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża billi hija kienet biss il-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill Lokali mħarrek u x-xogħol li kien qiegħed isir sar fuq talba tal-istess Kunsill u għalhekk m'għandhiex tirrispondi għall-ilmenti tal-atturi;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill imħarrek, u jiġifieri jekk kemm-il darba l-azzjoni attriċi tiswiex għaliex ma tħarsux id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi, fil-qosor, il-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li l-kumpannija attriċi tmexxi negozju ta' bejgħ u xiri ta' karozzi u, fost l-oħrajn, tagħmel dan minn *showroom* li jinsab fejn Triq il-Kostituzzjoni tiltaqa' ma' Triq Nicolo' Isouard, fil-Mosta. L-attur huwa d-direttur maniġerjali u azzjonist fil-kumpannija attriċi;

Illi l-Kunsill Lokali mħarrek qatagħha li jtella' mafkar f'ġieħ Nicolo' Isouard. F'Mejju tal-2010, huwa ressaq talba mal-Awtorita' kompetenti biex jitħalla jwaqqaf l-imsemmi mafkar fuq il-bankina li tiġi sewwasew quddiem il-vetrina msemmija, f'dak is-salib it-toroq li waħda minnhom imsemmija għalih[2]. Il-permess inħareġ f'Diċembru tal-2010[3];

[2] Ara Dok "KM2", f'paġ. 54 tal-proċess
[3] Dok "KM1", f'paġġ. 48 – 53 tal-proċess

Illi fid-9 ta’ Awissu, 2012, beda jsir xogħol fuq il-bankina u ttella’ paraventu fuq parti minnha u beda jsir it-tħaffir biex jitqiegħed il-pedestall tal-mafkar[4]. Ix-xogħol kien qiegħed isir minn ħaddiema tal-kumpannija mħarrka, mqabbda mill-Kunsill imħarrek[5]. L-attur talab li x-xogħol jitwaqqaf, iżda l-ħaddiema ma tawhx widen għat-talba tiegħu u laħaq sar ċertu armar u fil-post magħżul tqiegħed il-pedestall tal-mafkar[6];

Illi l-għada, l-atturi ressqu talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-Kunsill u kontra l-kumpannija mħarrka. It-talba ntlaqgħet b’degriet mogħti fl-20 ta’ Awissu, 2012[7];

Illi fis-6 ta’ Settembru, 2012, infetħet din il-kawża;

Illi b’<u>konsiderazzjoni tal-aspetti legali tal-ewwel eċċezzjoni taħt eżami</u> jibda biex jingħad li l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jrid li l-ebda att ġudizzjarju li bih jinbeda proċediment ma jista’ jitressaq u ebda proċediment ma jista’ jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita’ mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita’ uffiċjali tagħha qabel ma jgħaddu għaxart ijiem min-notifika b’ittra uffiċjali jew protest li jfissru b’mod ċar il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita’ jew persuna bħal dak;

Illi hemm qbil u tressqu provi li juru li ma ntbagħtet lill-Kunsill imħarrek l-ebda interpellazzjoni ġudizzjarja qabel ma nfetħet din il-kawża bejn l-10 ta’ Awissu, 2012 u s-6 ta’ Settembru ta’ dik l-istess sena[8]. Madankollu, l-kawża nfetħet wara li nħareġ il-Mandat ta’ Inibizzjoni mitlub mill-atturi kontra l-istess Kunsill u l-kumpannija mħarrka. Il-mistoqsija li tqum hi jekk allura, f’każ bħal dan, jibqax jgħodd l-artikolu 460(1) jew jekk jidħlux fis-seħħ l-eċċezzjonijiet tal-artikolu 460(2);

[4] Xhieda ta’ Charles Paċe 8.1.2013, f’paġġ. 41 – 2 tal-proċess
[5] Xhieda ta’ Nicholas Borġ 8.1.2013, f’paġ. 38 tal-proċess
[6] Ara Dokti “A”, “B”, “Ċ” u “D”, f’paġġ. 16 – 7 tal-proċess
[7] Paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[8] Dok “KP2”, f’paġ, 81 tal-proċess

Illi waqt it-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni, l-għaref difensur tal-Kunsill imħarrek argumentat li, fil-każ tal-lum, ma tressqet l-ebda interpellazzjoni ġudizzjarja qabel infetħet il-kawża: żiedet tgħid li l-fatt waħdu li l-atturi kienu talbu w kisbu l-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni ma kienx ħelishom mill-ħtieġa li jħarsu l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi qabel ma għaddew biex fetħu l-kawża;

Illi, min-naħa tagħha, l-għaref difensur tal-atturi saħqet li għar-regola msemmija fl-artikolu 460(1) tal-Kap 12 hemm eċċezzjonijiet imfissra fis-sub-artikolu (2) u waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet hija sewwasew fil-każ tal-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, kif ġara f’dan il-każ;

Illi ma jidhirx li hu kontestat li Kunsill Lokali jaqa’ taħt il-kappa ta’ “awtorita’ mwaqqfa bil-Kostituzzjoni”[9] u għalhekk jgħodd ukoll għalih l-artikolu 460 tal-Kap 12;

Illi sa minn mindu l-imsemmi artikolu ddaħħal fil-liġi proċedurali fl-1981, dejjem inżamm li, fejn jidħlu proċeduri kontra l-Gvern jew xi awtorita’ pubblika, huma biss l-azzjonijiet li jissemmew b’mod tassattiv fis-subartikolu 460(2) ta’ dak l-artikolu li ma jaqgħux taħt il-morsa tas-subartikolu 460(1). Kull azzjoni oħra li taqa’ ’l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja **<u>u</u>** l-mogħdija ta’ żmien ta’ għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita’ jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk;

Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta’ talba ġudizzjarja qabel tista’ tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern. Bħala tali, tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha konta l-amministrazzjoni pubblika. Minħabba f’hekk, it-tħaddim tar-regola iebsa maħluqa bl-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili trid tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni

[9] Art 115A tal-Kostituzzjoni

ġudizzjarja kontra l-awtorita' pubblika fejn din tista' tibqa' miexja 'l quddiem. Jibqa' dejjem li dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti *ex ufficio*[10];

Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni[11];

Illi għalhekk l-għan wara l-imsemmi artikolu 460 – dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunita' li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f'każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom[12] – m'għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittiex id-drittijiet tiegħu fil-qrati;

Illi, min-naħa l-oħra, dan jitlob ukoll li min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu. Minbarra dan, l-interpellazzjoni ġudizzjarja trid tkun kontra dik il-persuna jew awtorita' li kontriha tinbeda l-kawża (jew proċedura oħra li tkun) wara li jgħaddu l-għaxart ijiem żmien hemm imsemmija[13]. Il-liġi titlob ukoll li l-pretensjoni tal-mittent jew tal-protestant fl-ittra uffiċjali jew fil-protest "tiġi mfissra b'mod ċar";

Illi din il-Qorti tqis li, fil-każ li għandha quddiemha, l-att (jiġifieri r-rikors promotur) mhux biss tressaq, imma tħalla mir-Reġistratur tal-Qrati jimxi 'l quddiem tant li assenjah bħala kawża biex tinstema' minn din il-Qorti. Dan in-nuqqas waħdu ma jservix biex dak li ma jiswiex iġibu

[10] Ara P.A. FGC: **7.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)

[11] App. Ċiv. **9.2.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***David Harding vs Lawrence A. Farruġia et*** (mhix pubblikata)

[12] Ara, per eżempju, App. Inf.**10.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana***

[13] Ara Maġ. (Għ) AE **16.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Suprintendent Mediku Sptar Ġenerali ta' Għawdex et*** (mhix appellata)

jiswa[14], imma jista' jkun indikattiv ħafna jekk fil-fatt jirriżulta li l-att promotur mhux milqut minn nullita'. Jiġifieri l-fatt waħdu li r-Reġistratur tal-Qorti (forsi bla ma biss intebah li qiegħed imur kontra dak li tgħid il-liġi) laqa' għandu u mexxa 'l quddiem ir-Rikors Maħluf tal-atturi ma jġibx jiswa dak li b'rieda espressa tal-liġi ma jiswiex sa mill-bidu tiegħu[15];

Illi l-Qorti tagħraf li kien hemm żmien meta l-fehma tal-Qrati kienet saħansitra li att ġudizzjarju mressaq bħala bidu ta' kawża kontra l-Gvern li ma jintweriex li kien preċedut minn ittra uffiċjali jew protest kif jingħad fl-artikolu 460, mhux biss huwa null imma inesistenti għax ir-Reġistratur ma jmissux imqar laqgħu meta tressaq quddiemu[16]. Minbarra dan, ingħad li, proprju minħabba l-kliem użat fl-artikolu in kwestjoni, n-nullita' li jġib in-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb 'il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom[17];

Illi l-Qorti tqis ukoll li, skond ma ngħad f'sentenzi ta' dawn il-Qrati, dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti *ex ufficio*[18];

Illi issa li saru l-osservazzjonijiet kollha u l-konsiderazzjonijiet marbutin mal-każ, il-Qorti ser tgħaddi biex tara jekk, fil-każ tal-lum, kienx meħtieġ li l-atturi jressqu l-att ġudizzjarju taħt l-artikolu 460(1) jew jekk kenux meħlusa milli jagħmlu dan taħt l-artikolu 460(2). Wara li qieset sewwa l-għanijiet tal-liġi, tasal għall-fehma li l-azzjoni kif imressqa tiswa u hija tajba. Ladarba l-kawża

---

[14] Ara P.A. **25.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.666**)
[15] P.A. **15.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.13**)
[16] Ara P.A. FGC: **5.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bellizzi vs Avukat Ġenerali*** (mhix pubblikata)
[17] Ara P.A. FGC: **22.6.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Louis Vella et vs Ronald Grech et*** (mhix pubblikata)
[18] Ara P.A. FGC: **7.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)

kienet ir-riżultat dirett u meħtieġ tal-ilqugħ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub mill-atturi, ma jidhirx li kien meħtieġ li l-atturi jerġgħu jinterpellaw lill-Kunsill imħarrek b'att ġudizzjarju qabel jiftħu l-kawża. Ladarba l-Mandat ta' Inibizzjoni ntlaqa' hija l-liġi nnifisha li tiddetta ż-żmien li fih il-kawża jmissha tinbeda biex l-effetti tal-Mandat ma jintilfux[19]. F'dan il-każ, għalhekk, jidher li bis-saħħa tal-ħruġ tal-Mandat, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460(1) ma jibqgħux jgħoddu għaliex f'każ bħal dan "għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor ... u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom"[20];

Illi jidher li din hija wkoll il-fehma ta' din il-Qorti f'qagħda simili. Hekk, b'eżempju, ingħad li "*m'hemmx għalfejn li l-Gvern joqgħod jerġa' jiġi notifikat b'ittra uffiċjali jew protest qabel tiġi preżentata l-kawża għall-jedd pretiż. L-għan tal-Artikolu 460 hu li jagħti avviz lill-Gvern bil-pretenzjoni li tkun qegħda ssir, qabel persuna tipproċedi b'kawża jew titlob il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji*"[21];

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni mibdija mill-atturi ma kellhiex għalfejn tħares il-proċedura stabilita fl-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma hemm xejn li, f'dan ir-rigward, jagħmilha nulla jew irrita;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni preliminari taħt eżami ma tirriżultax mistħoqqa u m'hijiex sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Kunsill Lokali mħarrek billi m'hijiex mistħoqqa fid-dritt;

---

[19] Art. 843(1) tal-Kap 12

[20] Art. 460(2) *proviso* tal-Kap 12

[21] P.A. AE **28.3.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***H.P. Cole Ltd vs Malta Industrial Parks Ltd*** (*in parte* appellata) u P.A. GC **12.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Leo Camilleri et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** (*in parte*)

**Tikkundanna** lill-istess Kunsill iħallas l-**ispejjeż** marbuta ma’ din l-eċċezzjoni; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla**.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------